

Brussell, 1 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

11800/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0161(NLE)**

---

---

**ECOFIN 812  
UEM 222  
FIN 642  
CADREFIN 120**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 288 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10686/21 INIT; ST 10686/21 ADD 1) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 288 final.

---

Mehmuż: COM(2024) 288 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.7.2024  
COM(2024) 288 final

2024/0161 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10686/21 INIT; ST 10686/21 ADD 1) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru**

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10686/21 INIT; ST 10686/21 ADD 1) tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal Ċipru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP", recovery and resilience plan) ta' Ċipru fis-17 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet lill-Kunsill biex jagħtih valutazzjoni pożittiva. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (Council Implementing Decision, "CID") tat-28 ta' Lulju 2021<sup>2</sup>. Din is-CID ġiet emendata fit-8 ta' Diċembru 2023<sup>3</sup>.
- (2) Fil-25 ta' Ġunju 2024, Ċipru għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta għall-emendar tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Ċipru ppreżenta RRP emendat.

### ***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241***

- (3) L-emendi tal-RRP li ressaq Ċipru minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw miżura waħda.
- (4) Ċipru spjega li miżura waħda ma għadhiex tista' tinkiseb għalkollox minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-oġġettiv intermedju 85 u l-oġġettiv intermedju 86 tal-miżura C3.1R1, *Nieħdu l-prattiki agrikoli mis-seklu 20 għas-seklu 21 billi jsir investiment f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agroteknoloġija*, taħt il-komponent C3.1, *Mudell ġdid ta' tkabbir u diversifikazzjoni tal-ekonomija*. Ċipru spjega li l-

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

<sup>2</sup> ST 10686/21; ST 10686/21ADD 1.

<sup>3</sup> ST 15571/23; ST 15571/23ADD 1; ST 15571/23 ADD 1 COR 1.

proposta qieset l-interess akkademiku limitat fl-iżvilupp ta' programmi fil-qasam tal-bijoteknoloġija. Abbażi ta' dan, Ċipru talab l-objettivi intermedji msemmija hawn fuq, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-miżura, jiġu emendati. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Ċipru jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

#### ***Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni***

- (6) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (7) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki ppreżentati minn Ċipru ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 10686/21 tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d),(da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) and (k).

#### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (8) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni rigward l-RRP modifikat bis-sejba li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, l-objettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

#### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (9) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat ta' Ċipru huma ta' EUR 1 220 971. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Ċipru, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali kkalkolata f'konformità mal-Artikoli 20(4), 21a(6) u l-Artikolu 21b(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 allokata għall-RRP modifikat ta' Ċipru jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 1 020 223 681.

#### ***Self***

- (10) L-appoġġ b'self li sar disponibbli għal Ċipru li jammonta għal EUR 200 320 000 jibqa' l-istess.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 10686/21 tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Ċipru tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### ***Artikolu 1***

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Ċipru hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

*Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Ċipru abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti u l-oġettivi intermedji u l-miri l-oħra relatati mal-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti, jinsabu stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

*Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*